

Brussell, 4 ta' Mejju 2026
(OR. en)

8821/26

ENER 211
FISC 156
ECOFIN 559
COMPET 514
ENV 441
IND 299

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' April 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 2850 final
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI tat-30.4.2026 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp ta' komunitajiet tal-enerġija u l-massimizzazzjoni tal-potenzjal tal-awtokonsum

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 2850 final.

Mehmuż: C(2026) 2850 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.4.2026
C(2026) 2850 final

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-30.4.2026

**dwar l-appoġġ għall-iżvilupp ta' komunitajiet tal-enerġija u l-massimizzazzjoni tal-
potenzjal tal-awtokonsum**

{SWD(2026) 126 final}

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-30.4.2026

dwar l-appoġġ għall-iżvilupp ta' komunitajiet tal-enerġija u l-massimizzazzjoni tal-potenzjal tal-awtokonsum

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

- (1) Din ir-Rakkomandazzjoni tkopri l-awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (14), tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u l-klijenti attivi kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (8), tad-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² involuti fl-awtoproduzzjoni u fl-awtokonsum tal-enerġija rinnovabbli (“awtokonsum”), inkluż permezz tal-kondiviżjoni tal-enerġija kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (10a), tad-Direttiva (UE) 2019/944. Din ir-Rakkomandazzjoni tkopri wkoll il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (16), tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u l-komunitajiet tal-enerġija taç-ċittadin kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (11), tad-Direttiva (UE) 2019/944 involuti fl-awtoproduzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u tipi oħra ta' servizzi relatati mal-enerġija.
- (2) L-Artikolu 15a tad-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jirrikjedi li l-Istati Membri jstabbilixxu dritt għall-kondiviżjoni tal-enerġija li se jiżgura, fost l-oħrajn, li “l-unitajiet domestiċi kollha, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, il-korpi pubbliċi u, meta Stat Membru jkun iddeċieda hekk, kategoriji oħra ta' klijenti finali jkollhom id-dritt li jipparteċipaw fil-kondiviżjoni tal-enerġija bħala klijenti attivi”. Implimentazzjoni konsistenti ta' dan id-dritt hija kruċjali biex jiġu sfruttati mudelli ġodda ta' negozju, jiġi stimulat l-investment lokali u tittejjeb il-flessibilità tas-sistema.
- (3) Il-pjan REPowerEU³ jenfasizza l-potenzjal tal-komunitajiet tal-enerġija u tal-awtokonsum biex jgħinu fl-indirizzar tal-prezzijiet volatili u għoljin tal-enerġija, filwaqt li jitlob lill-Istati Membri jħaffu t-traspożizzjoni tal-Pakkett dwar l-Enerġija Nadifa għall-Ewropej Kollha. L-Istrateġija tal-UE dwar l-Enerġija Solari⁴ tirrikonoxxi speċifikament il-potenzjal għoli tal-komunitajiet tal-enerġija u tal-awtokonsum biex jitħaffef il-varar tal-enerġija solari. Ippreżentat ambizzjoni ta'

¹ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulazzjoni) (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82–209, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2018/2001/oj>)

² Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125–199 ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2019/944/oj>)

³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Il-Pjan REPowerEU (COM(2022) 230 final).

⁴ [EUR-Lex - 52022DC0221 - MT - EUR-Lex](http://eur-lex.europa.eu/lexicon/eur-lex-52022DC0221-mt)

politika kondiviża biex tistabbilixxi mill-inqas komunità waħda tal-enerġija bbażata fuq sorsi rinnovabbli f'kull municiipalit  b'popolazzjoni akbar minn 10 000 sal-2025. Id-*Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika (UE) 2023/1791* titlob lill-awtoritajiet lokali ta' popolazzjoni akbar minn 45 000 biex jivvalutaw ir-rwol tal-komunitajiet tal-enerġija fil-pjanijiet lokali għat-ti ħin u għat-tkessi h.

- (4) Il-qafas tal-UE jenfasizza l-ġustizzja u l-inklużivit . Kemm ir-*Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*⁵ kif ukoll ir-*Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2407*⁶ jirrikonoxxu l-potenzjal tal-komunitajiet tal-enerġija u tal-iskemi ta' awtokonsum, bħall-kondiviżjoni tal-enerġija, biex jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli u tal-unitajiet domestiċi affettwati mill-faqar enerġetiku. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkoraġġixxu l-inklużjoni ta' persuni, inklużi unitajiet domestiċi vulnerabbli, unitajiet domestiċi affettwati mill-faqar enerġetiku u unitajiet domestiċi b'persuni b'diżabbilt  fil-komunitajiet tal-enerġija u fi proġetti tal-enerġija rinnovabbli.
- (5) Oqfsa ta' abilitazzjoni mfassla tajjeb għall-komunitajiet tal-enerġija, l-awtokonsum individwali u l-kondiviżjoni tal-enerġija jistgħu jappoġġaw it-twettiq tal-Prinċipju 20 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jafferma d-dritt ta' kulħadd li jaċċessa servizzi essenzjali ta' kwalit  tajba, inkluż l-enerġija.
- (6) Il-*pjan ta' azzjoni għal enerġija affordabbli*⁷, ippreżentat mill-Kummissjoni fis-26 ta' Frar 2025, jistabbilixxi l-oġettiv li l-enerġija ssir affordabbli, li jitħaffef il-varar tal-enerġija rinnovabbli, u li titnaqqas id-dipendenza tal-Unjoni fuq il-fjuwils fossili u fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija. Jikkontribwixxi wkoll għall-oġettivi tal-*Patt għal Industrija Nadifa*⁸ billi jsahha  l-investment lokali, il-kompetittivit  u l-ġustizzja soċjali permezz ta' oqfsa simplifikati, prevedibbli u trasparenti. Biex jintlaħqu dawn l-oġettivi, il-*Pakkett dwar l-Enerġija taċ-Ċittadini*⁹ għandu l-għan li jżid aktar il-parteċi pazzjoni taċ-ċittadini u tal-komunitajiet fit-tranżizzjoni tal-enerġija, u jagħtihom is-setgħa biex jipproduċu, ja znu, jikkunsmaw, jikkondividu jew ibiġġu l-enerġija rinnovabbli tagħhom stess biex jiksbu aċċess stabbli għal prezzijiet tal-enerġija affordabbli.
- (7) Minħabba d-dipendenza tagħhom fuq l-involviment u ħafna drabi fuq ix-xoġhol volontarju mill-pubbliku, il-komunitajiet tal-enerġija jiffaċċjaw restrizzjonijiet distinti f'termini ta' kapaċit  teknika,  in, u finanzi li jħallu impatt fuq iċ-ċiklu tal-iżvilupp tal-proġett kif ukoll fuq ir-rota lejn is-swieq tal-enerġija. Huwa partikolarment ta' sfida għall-komunitajiet tal-enerġija li jimmobilizzaw il-finanzjament fi stadji bikrija

⁵ Ir-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060 (PE/11/2023/REV/1 ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/955/oj>).

⁶ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2407 tal-20 ta' Ottubru 2023 dwar il-faqar enerġetiku (C/2023/4080 ELI: <http://data.europa.eu/eli/reco/2023/2407/oj>).

⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli: Nisfruttaw il-valur reali tal-Unjoni tal-Enerġija tagħna biex niżguraw enerġija affordabbli, effiċjenti u nadifa għall-Ewropej kollha (COM(2025) 79 final) Brussell, 26.2.2025.

⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali ko ngunt għall-kompetittivit  u d-dekarbonizzazzjoni (COM/2025/85 final).

⁹ COM/2026/115 final

tal-iżvilupp tal-proġetti, li jimmaniġġaw proċeduri amministrattivi kumplessi, li jinvestu f'infrastruttura teknika, jew li jwettqu operazzjonijiet tas-suq¹⁰.

- (8) Sabiex jgħinu biex jingħelbu dawn ir-restrizzjonijiet u biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ugwali madwar l-Unjoni, il-komunitajiet tal-enerġija jenħtieġ li jkunu jistgħu jfeġġu, jiddiversifikaw u jikbru, filwaqt li jiżguraw oqfsa ċari u koerenti, sensibilizzazzjoni ġenerali u trattament ġust, jimminimizzaw l-ostakli regolatorji u amministrattivi fis-swieq u fis-setturi rilevanti kollha tal-enerġija, u jipprovdu gwida għall-aspetti tekniċi u finanzjarji kif ukoll aċċess iffaċilitat għall-finanzjament. L-appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet jista' jagħti aktar spinta lill-professjonalizzazzjoni, u l-awtonomija tal-komunitajiet tal-enerġija u l-għodod tekniċi għat-tfassil tagħhom huma fundamentali għall-adozzjoni ġenerali tal-komunitajiet tal-enerġija. L-appoġġ għall-awtoritajiet lokali u b'mod partikolari għall-istrutturi sekondarji jew għall-federazzjonijiet tal-komunitajiet tal-enerġija jista' jkun mezz effettiv biex jitħaffef l-iżvilupp u titħaffef il-kapaċità tagħhom li jinvolvu ruħhom fi proġetti li huma aktar intensivi fl-użu tar-riżorsi soċjalment u teknoloġikament innovattivi.
- (9) L-awtokonsum tal-enerġija rinnovabbli jiffaċċja l-ostakli distinti tiegħu stess fil-finanzjament, fil-ħruġ tal-permessi, fl-aċċess għall-grilja u fil-kumplessità amministrattiva. Dawn l-ostakli jaffettwaw b'mod sproporzjonat lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u lill-konsumaturi żgħar. Biex tiġi żgurata l-inklużività, dan li ġej huwa essenzjali: is-simplifikazzjoni; l-integrazzjoni ta' punti uniċi ta' kuntatt għall-permessi u ta' punti uniċi ta' servizz; l-appoġġ finanzjarju mmirat; u l-finanzjament minn partijiet terzi jew approċċi ta' finanzjament kollettiv bħal-lokazzjoni, il-kuntratti tar-rendiment fl-użu tal-enerġija jew skemi ta' investiment komunitarju. Approċċ koerenti għall-komunitajiet tal-enerġija u għall-kondiviżjoni tal-enerġija madwar l-Unjoni se jgħin fil-kondiviżjoni tal-aħjar Prattika u fil-varar ta' mudelli innovattivi ta' negozju bejn il-fruntieri. Il-prinċipji komuni għad-definizzjonijiet, għar-remunerazzjoni, għall-integrazzjoni tal-grilja u għall-protezzjoni tal-konsumatur jgħinu biex jinkiseb approċċ koerenti bħal dan.
- (10) Trattament proporzjonat u mhux diskriminatorju u assistenza strutturata fil-proċeduri u fl-applikazzjonijiet għall-konnessjoni mal-grilja jagħmluha aktar faċli li jiġu aċċessati l-grilji tal-installazzjonijiet tal-produzzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli.
- (11) Il-kondiviżjoni tal-enerġija flimkien mar-rispons tad-domanda, it-trasferiment tat-tagħbija jew il-ħżin tal-enerġija jistgħu jwasslu għall-iffrankar tal-kostijiet kemm għall-konsumaturi kif ukoll għas-sistemi tal-enerġija. Dan jirrikjedi aċċess għad-data dwar il-kejl u l-konsum u għall-interoperabbiltà tad-data.
- (12) F'konformità mal-aġenda tal-Kummissjoni dwar is-simplifikazzjoni u r-regolamentazzjoni aħjar, din ir-Rakkomandazzjoni tfittex li ttipprovi lill-Istati Membri bi gwida Prattika biex tiġi żgurata implimentazzjoni koerenti, proporzjonata u faċli għaċ-ċittadini tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-komunitajiet tal-enerġija u l-iskemi ta' awtokonsum, inkluż il-kondiviżjoni tal-enerġija.
- (13) L-Istati Membri jenħtieġ li jissimplifikaw il-proċeduri amministrattivi għall-istabbiliment, it-tħaddim u l-iżvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija u r-rekwiżiti tal-awtokonsum u tar-rapportar. L-implimentazzjoni jenħtieġ li tibni fuq strutturi u fuq għodod diġitali eżistenti, filwaqt li tiżgura l-koerenza, il-kosteffiċjenza, u l-piż

¹⁰ Ara r-rakkomandazzjonijiet nru 9 u 10 tal-Panel dwar l-Effiċjenza Enerġetika taċ-Ċittadini, il-[Panel dwar l-Effiċjenza Enerġetika – Pjattaforma għall-Involviment taċ-Ċittadini](#).

amministrattiv minimu għall-fornituri, għall-konsumaturi u għall-awtoritajiet nazzjonali.

- (14) Sabiex tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, il-Kummissjoni beħsiebha twestaq għadd ta' miżuri għal aktar żvilupp u adozzjoni tal-komunitajiet tal-enerġija fl-Unjoni u sabiex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Unjoni. Dawn il-miżuri huma stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni fl-anness ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

ADOTTA/ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Hu rakkomandat li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri li ġejjin:

1. meta jdaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità mal-Artikolu 2, il-punt (8) tad-Direttiva (UE) 2019/944 **jiżguraw koerenza bejn il-kunċetti ta' klijenti attivi u awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli**¹¹ f'termini ta' drittijiet u responsabbiltajiet rilevanti għall-awtokonsum individwali ta' sorsi rinnovabbli¹² u l-kondiviżjoni tal-enerġija¹³, u billi jiddistingwu dawk id-definizzjonijiet minn atturi kummerċjali filwaqt li jiżguraw l-aċċessibilità għaċ-ċittadini kollha, inklużi l-inkwilini, ir-residenti b'aktar minn appartament wieħed, kif ukoll l-unitajiet domestiċi vulnerabbli u l-persuni affettwati mill-faqar enerġetiku, bħan-nisa u gruppi oħra f'riskju ta' diskriminazzjoni li huma affettwati b'mod sproporzjonat.
2. **jiddistingwu b'mod ċar bejn il-kunċett ta' komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli**¹⁴ u **komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadin**¹⁵ f'termini ta' struttura ta' sħubija, rekwiżiti ta' governanza u skop, u jenfasizzaw il-vantaġġi u l-benefiċċji speċifiċi ta' forom speċifiċi ta' komunitajiet tal-enerġija, biex tiġi żgurata l-koerenza bejniethom u ċ-ċarezza dwar l-iskop tagħhom.
3. meta jittrasponu u jimplimentaw id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 15a tad-Direttiva emendatorja (UE) 2024/1711, jistabbilixxu **qafas ta' abilitazzjoni għall-klijenti attivi li jaġixxu b'mod konġunt** li huwa konsistenti mad-drittijiet tal-awtokonsumaturi individwali ta' sorsi rinnovabbli fl-Artikolu 21 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u tal-klijenti attivi fl-Artikolu 15 tad-Direttiva (UE) 2019/944;
4. jittrasponu bis-sħiħ il-leġislazzjoni tal-UE relatata mal-komunitajiet tal-enerġija u mal-awtokonsum¹⁶ u jimplimentaw oqfsa ta' abilitazzjoni li jikkontribwixxu għal aktar żvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija **fis-settur tat-tisħin u tat-tkessiħ, fis-settur tal-elettriku u fis-settur tar-rinnovazzjoni tal-bini**, li jippermettu lill-

¹¹ Kif definit fid-Direttiva (UE) 2018/2001.

¹² F'konformità mal-Artikolu 21 tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

¹³ F'konformità mal-Artikolu 15a tad-Direttiva (UE) 2019/944.

¹⁴ Kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (16), tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

¹⁵ Kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (11), tad-Direttiva (UE) 2019/944.

¹⁶ Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku, b'mod partikolari l-Artikolu 2, il-punti (8), (10a) u (11), l-Artikolu 15 u 15a u l-Artikolu 16, id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulazzjoni), b'mod partikolari l-Artikolu 2, il-punt (16), l-Artikolu 21 u l-Artikolu 22.

komunitajiet tal-enerġija jikkontribwixxu għall-miri ġenerali tal-Unjoni għar-rinnovazzjoni u għall-enerġija rinnovabbli.

Governanza u Monitoraġġ

5. jiżviluppaw **strateġija nazzjonali għall-komunitajiet tal-enerġija u l-awtokonsum**, inkluża valutazzjoni tal-kontribut potenzjali għall-oġettivi tal-enerġija tal-UE sal-2030 u sal-2040 abbażi ta' valutazzjoni tal-potenzjal u tal-ostakli f'konformità mal-Artikolu 21, il-punt (6) u l-Artikolu 22, il-punt (3) tad-Direttiva (UE) 2018/2001, u jirrapportaw il-progress permezz tar-rapporti ta' progress integrati dwar il-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima.
6. jassenjaw awtorità jew korp kompetenti biex **jivvaluta u jimmonitorja l-potenzjal u l-impatt tal-benefiċċji finanzjarji, soċjali u ambjentali tal-komunitajiet tal-enerġija u l-awtokonsum** u t-tneħħija tal-ostakli f'termini ta' karatteristiċi ġeografiċi u demografiċi, kif ukoll oġettivi jew miri ta' politika usa' għall-iżvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija u l-awtokonsum f'intervalli regolari u possibbilment f'koordinazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea inkluż dwar id-data miġbura mill-partijiet ikkonċernati rilevanti u l-immappjar imwettaq skont l-Artikolu 15b tad-Direttiva (UE) 2018/2001.
7. jistabbilixxu **reġistri nazzjonali komprensivi u aġġornati għall-komunitajiet tal-enerġija** li jistgħu jintużaw biex jitraċċaw il-konformità, id-data tal-proġetti u l-karatteristiċi organizzazzjonali, mingħajr ma jiġu imposti tariffi sproporzjonati jew rekwiżiti amministrattivi relatati ma' attivitajiet speċifiċi tal-enerġija.
8. jinvolvu lill-konsumaturi, inklużi l-unitajiet domestiċi foqra fl-enerġija, l-inkwilini u r-residenti ta' akkomodazzjonijiet soċjali, is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, in-negozji, l-awtoritajiet lokali, il-komunitajiet tal-enerġija u/jew ir-rappreżentanti ta' tagħhom fl-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni permezz ta' **konsultazzjoni regolari u djalogu strutturat**.

Ħruġ tal-Permessi u Integrazzjoni tas-Sistema

9. **ineħħu l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għal installazzjonijiet fotovoltajċi solari u għal installazzjonijiet tal-ħżin fuq skala żgħira**, jintroduċu miżuri relatati mal-pompi tas-sħana, mal-vetturi elettriċi u mal-punti tal-irriċarġjar tal-vetturi elettriċi u jissimplifikaw il-konnessjonijiet mal-grilja relatati, filwaqt li jimponu perjodi ta' żmien speċifiċi u raġonevoli biex jinfurmaw lill-klijenti finali u lill-komunitajiet tal-enerġija u jneħħu r-rekwiżiti amministrattivi u l-ostakli regolatorji¹⁷ għall-batteriji plug-in u għall-installazzjonijiet fotovoltajċi solari tal-gallariji sa 800 W.
10. jiżguraw **proċeduri għall-konnessjoni mal-grilja** f'waqthom, trasparenti, proporzjonati u sempliċi, f'konformità mal-Proposta għal Direttiva tal-Parlament

¹⁷Ara wkoll il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi (UE) 2018/2001, (UE) 2019/944, (UE) 2024/1788 fir-rigward tal-aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi, COM(2025) 1007 final.

Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi (UE) 2018/2001, (UE) 2019/944, (UE) 2024/1788 fir-rigward tal-aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi, COM(2025) 1007 final, billi jippermettu li d-depożitu tas-sigurtà finanzjarja jiġi rkuprat jew imnaqqas jekk jiġu ssodisfati l-kriterji tal-maturità, billi jistabbilixxu perjodi ta' żmien speċifiċi biex jinformat lill-komunitajiet tal-enerġija u lill-klijenti finali dwar il-proċeduri, il-kostijiet u l-approvazzjonijiet, billi jipprovdu assistenza jew gwida ddedikata għall-applikazzjonijiet u jiffaċilitaw ir-rekwiżiti amministrattivi u tekniċi fejn possibbli, filwaqt li japplikaw trattament mhux diskriminatorju u proporzjonat f'konformità mal-qafas applikabbli tal-Unjoni.

11. jiżguraw li l-operaturi tal-grilja jkunu t-tkabbir u l-impatt mistennija tal-awtokonsum u tal-operazzjonijiet tal-komunità tal-enerġija fil-pjanijiet ta' żvilupp tal-grilja tagħhom biex jippermettu investimenti antiċipatorji.
12. meta ma jkunx hemm biżżejjed kapaċità tal-grilja u meta jkun teknikament possibbli, **jiżguraw li l-komunitajiet tal-enerġija u l-klijenti finali li jipparteċipaw fi skemi ta' kondiviżjoni tal-enerġija jkunu jistgħu jidħlu fi ftehim flessibbli ta' konnessjoni mal-grilja flimkien mal-operaturi tas-sistema** meta joperaw faċilitajiet tal-ħżin jew jiksbu livelli għoljin ta' awtokonsum lokali, f'konformità mal-Artikolu 6a tad-Direttiva (UE) 2019/944.
13. jippermettu lill-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadin jimmaniġġaw **grilji tad-distribuzzjoni magħluqa**, f'konformità mal-Artikolu 16, il-paragrafu (4) u l-Artikolu 38, il-paragrafu (2) tad-Direttiva (UE) 2019/944, u lill-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli jiżviluppaw u joperaw **networks tat-tisħin u tat-tkessiħ** rinnovabbli fiż-żona tal-operat tagħhom.

Approċċ Standardizzat għall-Kondiviżjoni tal-Enerġija

14. jipprovdu l-possibbiltà ta' kondiviżjoni tal-enerġija fl-istess żona tal-offerti jew f'żona ġeografika aktar limitata **u jħeġġu lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jivvalutaw il-potenzjal ta' flessibbiltà tal-kondiviżjoni tal-enerġija lokali**, f'konformità mat-topoloġija tal-grilja, u jużaw din l-informazzjoni meta japplikaw imposti tan-network li jirriflettu l-kostijiet.
15. **jiżguraw li l-klijenti finali involuti fil-kondiviżjoni tal-enerġija u fil-komunitajiet tal-enerġija ma jkunux soġġetti għal proċeduri, rekwiżiti jew obbligi tal-fornitur sproporzjonati u diskriminatorji** f'konformità mal-Artikolu 15 u mal-Artikolu 16 tad-Direttiva (UE) 2019/944, u mal-Artikolu 21 u mal-Artikolu 22 tad-Direttiva (UE) 2018/2001.
16. **jipprovdu l-kundizzjonijiet biex jiffaċilitaw il-kompiti ta' monitoraġġ tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tat-tneħħija tal-imposti tal-fornituri awtonomi li huma fissi u li jaqbżu l-kostijiet diretti mġarrba** minħabba l-kondiviżjoni tal-enerġija.
17. **jaħtru awtorità nazzjonali kompetenti biex tipprovdi informazzjoni** dwar il-kondiviżjoni tal-enerġija, inkluż helpdesk, lista ta' organizzaturi operazzjonali tal-kondiviżjoni tal-enerġija, kuntratti mudell volontarji, u informazzjoni teknika, legali, ekonomika u Prattika.
18. jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu **proċessi ta' reġistrazzjoni** sempliċi, trasparenti u diġitali għall-arranġamenti tal-kondiviżjoni tal-enerġija, u li

meta l-għadd ta' klijenti finali involuti fil-kondiviżjoni tal-enerġija jkun ogħla minn ċertu ammont, ikun obligatorju li dan jiġi ddeżinjat bħala kondiviżjoni interna tal-enerġija biex jgħin fis-simplifikazzjoni tal-proċess ta' komunikazzjoni u reġistrazzjoni.

19. jadottaw approċċ interoperabbli, sigur u standardizzat għall-**għestjoni u għall-iskambju tad-data** biex iwettqu l-kondiviżjoni tal-enerġija.
20. jiżguraw li **d-data rilevanti dwar il-kejl issir disponibbli kważi f'ħin reali¹⁸, mill-inqas daqs il-perjodu tal-issetiljar tal-iżbilanċ, kif definit fl-Artikolu 2(15) tar-Regolament dwar is-Suq tal-Enerġija¹⁹, u li l-għodod tas-software jsiru disponibbli** għall-partijiet rilevanti kollha, inklużi l-klijenti finali, il-fornituri u, fejn rilevanti, l-organizzaturi tal-kondiviżjoni tal-enerġija u l-komunitajiet tal-enerġija inkluż għall-appoġġ tal-kondiviżjoni tal-enerġija u s-servizzi ta' flessibilità.
21. jiżguraw li l-koeffiċjenti statiċi tal-kondiviżjoni tal-enerġija²⁰ jkunu jistgħu jiġu riveduti perjodikament, ikunu disponibbli għall-klijenti finali u jiffaċilitaw **it-tranżizzjoni gradwali minn koeffiċjenti statiċi tal-kondiviżjoni tal-enerġija għal dawk dinamiċi** biex jiġi ottimizzat il-valur kemm għas-sistema tal-enerġija kif ukoll għall-parteċipanti fil-kondiviżjoni tal-enerġija.
22. jippermettu lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jimplimentaw **ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja** biex jesperimentaw bl-allokazzjoni u bil-kejl fuq diversi miters u postijiet, metodi tal-allokazzjoni, disinn tat-tariffi, ibbilanċjar tar-responsabbiltà, skambju u saldu tad-data, kif ukoll protezzjoni u tassazzjoni tal-konsumatur.

Remunerazzjoni biex jiġi Massimizzat il-Valur tal-Awtokonsum

23. iħaffu l-**varar ta' miters intelliġenti** f'perjodu ta' żmien raġonevoli, u jistabbilixxu sistemi interoperabbli għall-iskambju tad-data biex jippermettu l-kejl akkurat, il-kontijiet u l-ottimizzazzjoni tal-awtokonsum.
24. jiżguraw li surplus tal-elettriku li ma jiġix awtokonsumat wara l-miter jew kondiviż, ikun jista' **jiġi ppremjat b'mod ġust abbażi tas-sinjali tas-suq**, u dan jirrifletti l-valur tiegħu kemm għall-konsumaturi kif ukoll għas-sistema.
25. meta jfasslu skemi ta' sostenn operazzjonali għall-elettriku awtoġenerat injettat fil-grilja, jikkunsidraw l-introduzzjoni ta' **primjums tas-suq li jinċentivaw l-ottimizzazzjoni tal-awtokonsum**, inkluż permezz tal-kondiviżjoni tal-enerġija.

Aċċess għas-Swieq Rilevanti tal-Enerġija

¹⁸ Kif definit fl-Artikolu 2, il-paragrafu (26) tad-Direttiva (UE) 2019/944.

¹⁹ [EUR-Lex - 02019R0943-20240716 - MT - EUR-Lex.](#)

²⁰ Meta tiġi stabbilita inizzjattiva għall-kondiviżjoni tal-enerġija, jeħtieġ li tiġi adottata formula speċjali li tiddetermina kif il-produzzjoni kondiviża se tingħadd mal-kontijiet tal-enerġija partikolari tal-parteċipanti fil-kondiviżjoni tal-enerġija. Dan jissejjaħ il-koeffiċjent tal-kondiviżjoni.

26. jimplimentaw **reġimi ta' liċenzjar flessibbli** li jippermettu lill-komunitajiet tal-enerġija, f'kooperazzjoni ma' parti responsabbli mill-ibbilanċjar, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (14) tar-Regolament (UE) 2019/943, jipprovdu enerġija jew servizzi ta' flessibbiltà lill-klijenti finali.
27. **jippromwovu l-kooperazzjoni mal-fornituri u mal-aggregaturi**, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (19) tad-Direttiva (UE) 2019/944 biex jiffaċilitaw il-kummerċ tal-enerġija jew il-flessibbiltà f'isem il-komunitajiet tal-enerġija jew il-klijenti finali li jidħlu fi ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija, arranġamenti ta' negozjar bejn il-pari, jew kuntratti ta' servizzi ta' flessibbiltà, filwaqt li jiżguraw li jiġu stabbiliti klawżoli ta' salvagwardja li jipproteġu lill-komunitajiet tal-enerġija, lill-klijenti attivi u lill-awtokonsumaturi tal-enerġija rinnovabbli minn abbużi minn atturi tas-suq aktar b'saħħithom.
28. jiżguraw li d-daqsijiet minimi tal-offerti, id-durati tal-kuntratti, il-mudelli tal-aċċess għas-suq, u **r-rekwiżiti ta' prekwalfikazzjoni għas-swieq lokali tas-servizzi tal-enerġija** jippermettu li assi aggregati iżgħar ġestiti minn komunitajiet tal-enerġija jew minn gruppi ta' kondivizzjoni tal-enerġija jipparteċipaw direttament jew permezz ta' aggregatur u jistabbilixxu ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja biex jittestjaw u jadattaw tali elementi tad-disinn tas-suq f'ambjent ikkontrollat.

Aċċess għall-Finanzjament Pubbliku u Privat

29. **jipprovdu appoġġ għall-investment** għal sistemi integrati inklużi installazzjonijiet fotovoltajċi solari fuq skala żgħira, sistemi tal-ħżin jew tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli, inkluż bħala parti minn programmi ta' rinnovazzjoni tal-bini li jiffukaw fuq komunitajiet vulnerabbli.
30. jirriflettu dwar il-fattibbiltà li jiġu applikati rati mnaqqsa tal-VAT jew eżenzjonijiet fuq sistemi speċifiċi ta' tisħin nadif u effiċjenti ħafna, kif ukoll fuq pannelli solari, f'konformità mad-Direttiva 2006/112/KE dwar il-VAT kif emendata bid-Direttiva (UE) 2022/542 fir-rigward tar-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud.
31. **jagħmlu użu sħiħ mill-Fondi ta' Koeżjoni eżistenti u minn finanzjament rilevanti ieħor tal-Unjoni** disponibbli skont il-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027 u strumenti ta' finanzjament oħrajn biex jipprovdu appoġġ finanzjarju lill-komunitajiet tal-enerġija u skemi ta' awtokonsum kemm f'żoni urbani kif ukoll f'żoni rurali u f'reġjuni tal-faħam fi tranżizzjoni jew f'reġjuni oħra affettwati b'mod partikolari mit-tranżizzjoni lejn ekonomija dekarbonizzata.
32. **jidentifikaw fejn hemm distakk fil-finanzjament** għall-istadji differenti taċ-ċiklu tal-ħajja u **jistabbilixxu programmi u strumenti ta' finanzjament iddedikati għall-komunitajiet tal-enerġija**, speċjalment il-finanzjament ta' avvjament fil-fażi ta' (qabel) l-iżvilupp.
33. **jiżguraw** li l-programmi ta' finanzjament ġenerali u l-istrumenti ta' finanzjament għall-enerġija rinnovabbli u l-proġetti tal-effiċjenza enerġetika jkunu akkumpanjati minn **oqfsa speċifiċi li jiffaċilitaw l-aċċessibbiltà għall-komunitajiet tal-**

enerġija²¹, b'mod partikolari permezz ta' federazzjonijiet tal-komunitajiet tal-enerġija.

Sensibilizzazzjoni u Appoġġ għall-Bini tal-Kapaċitajiet

34. **jippromwovu l-inklużjoni ta' suġġetti dwar il-komunitajiet tal-enerġija u l-kondiviżjoni tal-enerġija fl-edukazzjoni u t-taħriġ inklużi l-kurrikuli vokazzjonali**, b'mod partikolari permezz ta' kooperazzjoni mal-universitajiet, l-istituti vokazzjonali u tekniċi u l-programmi ta' apprendistat appoġġati minn Erasmus+, il-Patt għall-Ħiliet u s-Šhubijiet fuq Skala Kbira għall-Ħiliet tiegħu fl-enerġiji rinnovabbli, u l-Fond Soċjali Ewropew Plus.
35. **jappoġġaw inizjattivi u azzjonijiet ta' involviment taż-żgħażaġh u tal-pubbliku li jinvolvu rappreżentanti ta' komunitajiet rurali u remoti** biex iżidu s-sensibilizzazzjoni, jippromwovu bidla fl-imġiba u jrawmu l-parteciġazzjoni taċ-ċittadini fil-komunitajiet tal-enerġija, l-awtokonsum u l-kondiviżjoni tal-enerġija.
36. **jikkomunikaw b'mod ċar u b'mod suffiċjenti minn qabel il-bidliet li ġejjin fl-istrutturi tat-tariffi u fil-mekkaniżmi tar-remunerazzjoni**, akkumpanjati minn perjodi ta' tranżizzjoni u gwida għall-konsumatur dwar l-impatti u l-opportunitajiet.
37. **jisfruttaw strutturi eżistenti jew jistabbilixxu punt uniku ta' servizz** jew mekkaniżmi simili biex jipprovdu interfaċċa online unika, u jekk possibbli, fiżika, għall-komunitajiet tal-enerġija u għall-konsumaturi b'pariri tekniċi, legali, amministrattivi, ekonomiċi u finanzjarji komprensivi u faċli għall-utent, struzzjonijiet, linji gwida u materjali bħal mudelli, bl-għażla li jissottomettu applikazzjonijiet u jimmonitorjaw il-progress tal-permessi, tal-liċenzji u tal-iskemi ta' sostenn.
38. **jipprovdu linji gwida, opportunitajiet ta' kondiviżjoni tal-għarfien, gwida teknika, u taħriġ fil-ġestjoni tal-proġetti lill-awtoritajiet lokali** biex iżidu l-involviment tagħhom fil-proġetti tal-kondiviżjoni tal-enerġija u tal-komunità tal-enerġija u l-appoġġ għalihom li jinvolvu unitajiet domestiċi foqra fl-enerġija, kif ukoll l-iżvilupp ta' proġetti intensivi fl-infrastruttura bħat-tiħin u t-tkessiħ immexxija mill-komunità.
39. **jippromwovu l-federazzjonijiet u l-istrutturi sekondarji tal-komunitajiet tal-enerġija u jappoġġaw il-bini tal-kapaċitajiet** biex ikunu jistgħu jipprovdu servizzi relatati mal-enerġija u jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament u għas-servizzi ta' assistenza teknika għall-komunitajiet tal-enerġija lokali.

Kooperazzjoni Reġjonali u Transfruntiera

40. **jippermettu l-parteciġazzjoni transfruntiera** fil-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadin u fil-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u jesploraw opportunitajiet għall-komunitajiet tal-enerġija transfruntiera, b'mod partikolari fir-reġjuni tal-fruntiera, u

²¹ eż. permezz tal-inklużjoni ta' finanzjament fuq skala żgħira, sensibilizzazzjoni jew appoġġ għall-applikazzjoni.

jneħħu l-ostakli legali jew amministrattivi li jipprevjenu l-investment konġunt, l-użu kondiviż tal-grilja jew il-kondiviżjoni tal-enerġija bejn il-fruntieri.

41. **jikkunsidraw l-integrazzjoni tal-komunitajiet tal-enerġija fl-istrategġiji makroreġjonali eżistenti u fil-pjanijiet ta' azzjoni rilevanti, b'appoġġ mill-istrumenti tal-politika ta' koeżjoni u mill-fondi tal-Unjoni.**

Inklużività Soċjali

42. jiddefinixxu b'mod adegwat **il-kunċetti ta' "kontroll effettiv", "awtonomija", u "benefiċċji soċjali, ekonomiċi u ambjentali"** kif imsemmi fid-definizzjoni ta' komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli fl-Artikolu 2, il-punt (16) fid-Direttiva (UE) 2018/2001 u fid-definizzjoni ta' komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadin fl-Artikolu 2, il-punt (11) fid-Direttiva (UE) 2019/944, biex jiġi żgurat li l-kunċett jintuża mill-pubbliku u għall-pubbliku, biex titnaqqas l-amministrazzjoni meta tiġi stabbilita komunità tal-enerġija u biex tissaħħaħ il-fiduċja fil-kunċett.
43. jippromwovu **mudelli ta' finanzjament ta' partijiet terzi u kollettivi għall-kondiviżjoni tal-enerġija**, inkluż permezz ta' komunitajiet tal-enerġija biex l-awtokonsum isir aċċessibbli għall-inkwilini, għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli.
44. jippromwovu mudelli ta' parteċipazzjoni b'ammont baxx ta' ostakli, inklużi għażliet mingħajr kost bil-quddiem, appoġġ immirat, tekniku, finanzjarju u amministrattiv għall-inkwilini u għar-residenti tal-akkomodazzjoni soċjali foqra fl-enerġija, u għall-persuni b'diżabbiltà²² u kanali aċċessibbli ta' reġistrazzjoni u ta' appoġġ mhux diġitali.
45. jinkludu **kriterji tal-għażla proporzjonati u inklużivi** li jippermettu lill-komunitajiet tal-enerġija jagħmlu offerti, kif ukoll kriterji ta' eliġibbiltà soċjali u ta' evalwazzjoni **fl-irkanti pubbliċi għall-enerġija rinnovabbli, skemi ta' sostenn u akkwist pubbliku jew konċessjonijiet** għall-varar ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli.
46. jivvalutaw l-impatti distributtivi biex jiżguraw li l-kostijiet u l-benefiċċji tal-komunità tal-enerġija u tal-iskemi tal-kondiviżjoni tal-enerġija jiġu kondiviżi b'mod ġust u ma jpoġġux fi żvantaġġ lill-konsumaturi li jagħżlu li ma jipparteċipawx.
47. jiżguraw li l-informazzjoni maħsuba għall-pubbliku tkun aċċessibbli wkoll għall-persuni b'diżabbiltà f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tal-Anness I tad-Direttiva 2019/882.

Diġitalizzazzjoni u Innovazzjoni

48. jiżguraw li l-komunitajiet tal-enerġija u l-klijenti finali jkollhom **aċċess għad-data rilevanti dwar is-sistema tal-enerġija u l-konsum** f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data u tal-interoperabbiltà, b'mod partikolari dawk stabbiliti skont l-Artikolu 24 tad-Direttiva (UE) 2019/944.

²² f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tal-Anness I tad-Direttiva 2019/882.

49. jippromwovu l-iżvilupp u l-użu ta' **pjattaformi diġitali b'sors miftuħ, għodod tas-software aċċessibbli²³ u xierqa u interfaċċi standardizzati** li jippermettu l-kondiviżjoni tal-enerġija, it-tbassir tad-domanda u s-servizzi ta' flessibilità mill-klijenti finali u mill-komunitajiet tal-enerġija, kif ukoll jipprovdu appoġġ għall-ippjanar ta' komunità tal-enerġija filwaqt li jiżguraw iċ-ċibersigurtà u l-protezzjoni tad-data.
50. jinkoraġġixxu sħubijiet għall-innovazzjoni u kooperazzjoni pubblika-privata li jittestjaw **soluzzjonijiet ta' grilji diġitali, ibbażati fuq l-IA u intelliġenti** fil-komunitajiet tal-enerġija u fil-gruppi ta' kondiviżjoni tal-enerġija skont ambjenti ta' esperimentazzjoni regulatorja jew proġetti pilota li jippermettu l-apprendiment bl-għemil.

Magħmul fi Brussell, 30.4.2026

*Għall-Kummissjoni
Dan JØRGENSEN
Membru tal-Kummissjoni*



²³L-interfaċċi maħsuba għall-pubbliku jenħtieġ li jkunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibilità tal-Anness I tad-Direttiva 2019/882.